KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Erbgħa u Sebgħin (74)***

***It-Tnejn, 15 t' April, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANTHONY VELLA |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**74.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

74.1.1 Il-Kunsillier Keith Fenech informa lill-Kunsill li jinsab indispost. Il-Kunsill approva l-apoloġija.

**74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

74.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 73 li nżammet nhar it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024.

74.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 73 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

74.2.3 **Mozzjoni 73-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 73.
Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
Il-Minuti Numru 73 ġew approvati unanimament.

**74.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

*A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 74(08) – April 2024*

74.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 73(08) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11239 sa 11288 kif ukoll cheque bin-numru 7234 (11250) li jammontaw €37,823

74.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

74.3.3 **Mozzjoni 74-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 74(08) bl-ammont ta' €37,823
Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 74(08) ġiet approvata unanimament.

**74.4 Jum Ħal Għaxaq**

74.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-attivita' se jkun hemm ukoll il-kxif tal-Monument ta' Rizzo Naudi f'Dawret Ħal Għaxaq għax ħarġet id-DNO min-naħa tal-PA. Għaldaqstant l-attivita' se jkollha ssir parti minnha fi Ġnien Emanuel Vassallo. Il-Monument se jkun qiegħed jitpoġġa fil-post u jiġi inawgurat dakinhar waqt l-attivita' Bħala dawl jista' jsir wara l-attivita' minħabba li ma fadalx ħafna żmien. Dwar dan il-Kunsill qabel.

74.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta proposta mingħand is-Segretarju tal-Każin tal-PL sabiex is-Sur Joe Abdilla jingħata rikonoxximent ghall-ħidma tiegħu tul is-snin fil-komunita' għaxqija. Dwar dan il-Kunsill qabel.

74.4.3 Bħal ma ġie diskuss fil-Laqgħa preċedenti, din is-sena Ġieh Ħal Għaxaq se jingħata lill-Kunsilliera Rose Agius għal 30 sena ħidma tagħha fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

*F'dan l-istadju l-Laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża għal ftit minuti. Il-Laqgħa tkompliet ftit wara.*

74.4.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm persuna li għamlet tesi fuq Ħal Għaxaq u pproponiet li jingħata rikonoxximent għal dan ix-xogħol minħabba li l-materja li ħadem fuqha f'din it-teżi hija utli ħafna. Is-Sindku qal li f'dan l-istadju, l-aħjar li l-Kunsill jara jekk kienx hemm persuni oħra li għamlu l-istess ħaġa u qal li għandu jitlob li t-teżi tiġi ppreżentata lill-Kunsill u wara jingħata ir-rikonoxximent.

74.4.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli ressqet suġġeriment sabiex jingħata rikonoxximent lis-Sinjura Rita Atanasio li kienet innominata għall-Premju Mara. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li dan jista' joħloq preċedenti.

**74.5 Applikazzjonijiet għal post vakanti ta' skrivan (Skala 15)**

74.5.1 Wara li saru l-intervisti ma żewġ applikanti, il-Bord tal-Għażla sab persuna waħda li jirrakkomanda li tkun magħżula għat-tieni fażi tal-intervisti. Madanakollu, il-Kunsill qabel li jieħu dan il-proċess għal fażi li jmiss billi joħroġ sejħa esterna għall-applikanti eliġibli fil-lista tal-JobsPlus. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**74.6 Korrispondenza**

74.6.1 Tressaq pagament ta' Eu100 meta saret *site inspection* fir-rigward tal-Appell 378/23 tal-fabbrika tan-Nar ta' Ħal Tarxien. Il-Kunsill qabel li niccekjaw mal-avukata qabel inhallsu.

74.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara li tkellmet mal-President tar-Reġjun, ġie nnutat li l-iskip li l-Kunsill għandu fiċ-ċimiterju suppost qed titbattal mill-kuntrattur u jitħallas mir-Reġjun. Skond l-arranġamenti li l-kuntrattur għandu mar-Reġjun, suppost ibattal l-iskart kollu akkumulat matul il-ġimgħa kemm organic kif ukoll imħallat. Għal dan is-servizz, il-kuntrattur qed jitħallas ukoll direttament mill-Kunsill li dan m'għandux għalfejn isir. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-kuntrattur biex jiddiskuti dan u l-ħlas li sar extra matul is-sena li għaddiet għandu jiġi mnaqqas mill-pagamenti tal-iskips l-oħra lil-Kunsill għandu fl-iskola u fejn il-ground tan-Nursery.

74.6.3 Tressqet korrispondenza dwar organizzazzjoni ta' Tournament tal-Football għan-Nurseries mir-Regjun tagħna li se jsir fil-25 ta' Mejju 2024. Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li se tagħmel meeting ma' Tiffany min-naħa tar-Reġjun dwar din l-attivita'.

74.6.4 Tressqu żewġ kwotazzjonijiet għal żbir ta' siġar fil-Housing Estate li jinkludi ukoll il-ġarr u t-tindif. L-ispiża hija ta' Eur885. Il-Kunsill qabel li maż-żbir iżid ukoll il-palm li hemm fi Triq il-Qattus kif ukoll s-siġra tal-Hibiscus li hemm fi Triq il-Ħannieqa. Il-Kunsill approva. Kwotazzjoni oħra hija ta' Eur1,121 li tinkludi iż-żbir tas-siġar ta' Triq l-Andar kollha li l-friegħi tagħhom ħirġin fit-triq. Din il-kwotazzjoni tinkludi ukoll it-tindif u l-ġarr tal-materjal. Il-Kunsill approva. Il-Kunsill qabel ukoll li jitneħħew il-yukka li hemm fi Ġnien Elfejn.

74.6.5 Tressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni dwar korsijiet ta' First Aid u Fire Warden. Il-Kunsill qabel li jara l-impjegati jridux jattendu.

74.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill iddiskuta diversi drabi l-ammont li għandu pendenti fuq il-kwistjoni tal-isprall li kien sar fi Triq San Gorg. Din il-kwistjoni tmur lura sal-2010 fejn l-ammont totali kien ta' €90,833 li dawn kellhom jingħataw lura lill-Kunsill skond ftehim li kien sar permezz ta' korrsipondenza elettronika. Il-Kunsill għamel diversi kuntatti mat-Transport Malta dwar dan l-ammont pendenti, jidher li ma wasalniex fi ftehim biex dan l-ammont jingħata lura u għaldaqstant minħabba li għaddew diversi snin jidher li dan l-ammont mhux se jinġabar lura. Għaldaqstant peress li dan l-ammont baqa' jidher fl-Accounts bħala Receivables, wara konsultazzjoni mal-Accountant tal-Kunsill, ġie propost li kull sena (għal perjodu ta' 4 snin) il-Kunsill se jkun qed jalloka 25% tal-ammont bħala telf mhux miġbur. Dwar dan il-Kunsill approva.

74.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li peress li it-3 tenders ippublikati issa għalqu, se tkun qed tibda l-Evalwazzjoni tal-offerti sottomessi. It-Tender huma tal-Contracts Manager, tat-Turretta u tat-Turf tal-Mini Pitch. Għal din l-Evalwazzjoni il-Kunsill qabel li jqabbad tliet Evalwaturi Indipendenti filwaqt li bħala Chairperson jibqa' s-Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv bħala Secretary tal-Bord tal-Evalwazzjoni. Dwar dan il-Kunsill qabel.

74.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li se ssir fil-jiem li ġejjin mal-Public Works rigward Framework Agreement li se jkun qed jiġi ffirmat fil-jiem li ġejjin. F'dan l-Agreement il-Kunsill se jkun mitlub li jissottometti l-ideat dwar manutenzjonijiet proposti fil-lokali, jippreżenta BOQs għax-xogħlijiet u min-naħa tal-Public Works se jkunu qed jimplementaw dawn il-proġetti. Il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma dan il-Framework Agreement.

**74.7 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

74.7.1 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill dwar l-Agenda li se tiġi diskussa fil-laqgħa mal-Onorevoli Ministru Chris Bonnett. Il-Kunsill approva l-Agenda.

74.7.2 Is-Sindku Darren Abela ippropona li jsir team building activity għall-istaff tal-Kunsill. Id-data se tiġi stabbilita fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsill approva din l-attivita'.

74.7.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jibdew isiru Fitness Sessions għall-pubbliku fi Ġnien Elfejn. Dawn is-sezzjonijiet se jkunu b'xejn u miftuhin għal kulħadd. Min jixtieq jista' jirreġistra mal-Kunsill Lokali. Bħala ġranet se jsiru kull nhar t'Erbgħa. Il-Kunsill approva.

74.7.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq it-talba sabiex għal sena oħra nerġgħu nassistu fis-Summer School tan-Nursery billi nissupplixxu l-Coaches kif ukoll il-kits u ċ-ċertifikati. Rigward it-trophies il-Kunsill ma qabilx. Il-Kunsill fakkar ukoll li fil-korrispondenza jitlob li jkun hemm rappreżentant tal-Kunsill għas-serata li ssir fi tmiem l-attivita'. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

74.7.5 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill dwar invit mill-Kulleġġ San Benedittu għas-Celebration Day u stieden lill-Kunsilliera biex jekk iridu jattendu jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv.

74.7.6 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-applikazzjoni għal permess ta' bini (PA 2021/24) ta' supermarket. Il- Kunsill qabel li jibgħat li ma jsibx oġġezzjoni sakemm isiru:

- Pelican Lights fiż-żona
- Customer Parking adegwat għal klijenti kollha
- Il-bini ma jgħolix iktar minn żewġ sulari
- Isir Traffic Management tajjeb biex ma jinħoloqx traffiku fiż-żona

74.7.7 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jibgħat email dwar il-pjanċi li tpoġġew fi Triq il-Barklor u li qed jagħmlu ħafna storbju speċjalment bil-lejl.

74.7.8 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jirraporta l-awtoritajiet dwar scaffolding li hemm bla permess fi Triq il-Kuncizzjoni.

## 74.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera

74.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li jinżergħu xi arbuxelli fi Triq ir-Rebbiegħa fejn hemm il-garaxxijiet fil-konki. Il-Kunsill ma kellu ebda oġġezzjoni.

74.8.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli ressqet talba sabiex fi Triq in-Narcis jitwal id-double line fil-kantuniera it-triq tiġi iktar aċċessibli meta jipparkjaw il-karozzi maż-żewġ naħat.

74.8.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li z-zebra crossing is-sofor kienu saru fil-Pjazza jistgħu jitneħħew minħabba li l-iscaffolding issa żżarma.

74.8.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li l-parkeġġ tad-disabled fi Vjal il-Labour jista' jitmexxa għal quddiem is-Sala Parrokkjali biex ikun iktar aċċessibli. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

74.8.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli fakkret biex isiru t-tiswijiet fil-Funtana ta' Dawret Ħal Għaxaq.

74.8.6 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li s-service tiġi 'no entry except for residents or to render a service'. Il-Kunsill ma jaqbilx minħabba li dik hija triq pubblika.

74.8.7 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li jsiru tabelli 'strictly no parking' fuq il-bankina fil-Bypass. Dwar dan il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

## 74.9 Mozzjonijiet

74.9.1 Annessi mal-Minuti

## 74.10 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

74.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2024 fil-5:30pm

Il-Laqgħa ntemmet fid-9:00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 74**

**Mozzjoni Ref:** 74-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 73

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 15 t'April 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 74**

**Mozzjoni Ref:** 74-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 74-08

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 15 t'April 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**